

# INF STP

Gwida għall-utent
2020

European Commission

# INF-STP Portal Speċifiku għall-Kummerċjanti

Għajnuna Online

2020

# Werrej

1. Menu ..... 4
2. Daħħal it-Talba għal INF ..... 5
  2.1. Żid Oġġett ta' Merkanzija Kopert mill-INF ..... 10
  2.2. Żid Prodott Ipproċessat Kopert mill-INF ..... 12
  2.3. Il-Kwantitajiet tal-Merkanzija li Jifdal skont l-Awtorizzazzjoni ..... 14
  2.4. Upload Multiplu ta' Merkanzija ..... 15
  2.5. Upload Multiplu ta' Prodotti ..... 16
3. Għoti ta' Dettalji għall-Ħolqien tal-INF ..... 18
  3.1. Żid Oġġetti ta' Merkanzija Koperti mill-INF ..... 22
  3.2. Żid Prodott Ipproċessat Kopert mill-INF ..... 24
4. Għoti ta' Dettalji għat-Talba għal INF ..... 26
  4.1. Żid Merkanzija Taħt IP ..... 29
5. Talba għal informazzjoni tal-INF ..... 31
  5.1Dettalji tal-Informazzjoni tal-INF - *Data* tal-INF ..... 32
  5.2. Dettalji tal-Informazzjoni tal-INF - *Data* Dwar l-Istatus ..... 37

## 1. Menu

Il-links tal-Menu li ġejjin jidhru fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin. F'dan id-dokument se jintwerew biss il-links tal-Menu li huma relatati direttament mal-applikazzjoni tal-INF STP.




### 1 Link tal-Menu "INF"

Dan il-link tal-Menu jiġbor flimkien il-links tal-Menu speċifiċi kollha tal-INF STP. Malli l-utent jikklikkja fuqu, dan jespandi u juri l-links sekondarji li jwasslu għal azzjonijiet speċifiċi tal-INF STP. Meta jiġi espandut, wieħed jista' jerġa' jikklikkja fuqu biex iċekknu u jaħbi l-links sekondarji tiegħu.

### 2 Link tal-Menu "Talba għall-Għoti ta' Informazzjoni tal-INF"

Dan il-link tal-Menu jirridirezzjona lill-utent lejn l-iskrin fejn huwa jista' jagħmel/hija tista' tagħmel talba għal informazzjoni tal-INF.

### 3 Link tal-Menu "Daħħal Talba għal INF"

Dan il-link tal-Menu jirridirezzjona lill-utent lejn l-iskrin fejn huwa jista' jagħmel/hija tista' tagħmel sottomissjoni tal-formola ta' Talba għal INF.

## 2. Daħħal it-Talba għal INF

L-Utent jista' jdaħħal Talba għal INF, billi jimla l-formola rilevanti. Din l-operazzjoni tista' tiġi aċċessata billi tikklikkja fuq il-link tal-Menu bl-isem: "Daħħal Talba għal INF".




### 1 Lingwa tal-Formola

Agħżel il-lingwa mill-menu li jinżel, li se tapplika bħala l-lingwa tal-formola tat-talba.

### 2 Numru tal-Awtorizzazzjoni jew tad-Dikjarazzjoni

Agħżel permezz tal-buttuna radju jekk in-numru li jkun se jiġi importat hawn taħt għandux jiġi identifikat mill-applikazzjoni bħala Numru tal-Awtorizzazzjoni jew tad-Dikjarazzjoni.

### 3 Numru tal-Awtorizzazzjoni/tad-Dikjarazzjoni

Daħħal hawn in-numru, li jidentifika bħala l-Awtorizzazzjoni jew id-Dikjarazzjoni. Jekk jiddaħħal valur validu għan-Numru tal-Awtorizzazzjoni, ħafna oqsma oħra jimtlew bil-valuri awtomatikament (eż. it-Tip tal-Awtorizzazzjoni, l-Identifikazzjoni tad-Detentur eċċ.). Dan il-qasam huwa obbligatorju.

4

### Uffiċċju Doganali tas-Sorveljanza

Daħħal hawn l-Uffiċċju Doganali attwali li jibda t-Talba għall-Ħolqien tal-INF. Wara li tiġi importata l-ewwel ċifra, tidher lista awtokompluta biex tagħżel minnha.




5

### Identifikazzjoni tad-Detentur (EORI)

Dan il-qasam jimtela awtomatikament bil-valur xieraq, li jiddependi fuq il-valur li l-utent ikun daħħal fil-qasam tal-input tan-“**Numru tal-Awtorizzazzjoni**”. Dan huwa qasam obbligatorju.

6

### Isem id-Detentur

L-isem tad-Detentur jimtela minn qabel b'mod awtomatiku bl-applikazzjoni.

7

### Triq u Numru tad-Detentur

It-triq u n-numru tad-Detentur jimtlew minn qabel b’mod awtomatiku bl-applikazzjoni.

8

### Pajjiż tad-Detentur

Il-pajjiż tad-Detentur jimtela minn qabel b’mod awtomatiku bl-applikazzjoni.

9

### Kodiċi Postali tad-Detentur

Il-kodiċi postali tad-Detentur jimtela minn qabel b’mod awtomatiku bl-applikazzjoni.

10

### Belt tad-Detentur

Il-belt tad-Detentur timtela minn qabel b’mod awtomatiku bl-applikazzjoni.

11

### Rimarki Ġenerali

Hawnhekk daħħal kwalunkwe rimarka ġenerali relatata mat-Talba għall-Ħolqien tal-INF.

12

### Kaxxa tal-Ittikkjar tal-Artikolu 86(3)

Agħżel il-kaxxa tal-ittikkjar f’każ ta’ Talba għal INF jekk l-artikolu huwa applikabbli.

13

### Tip ta’ Awtorizzazzjoni

F’każ li n-Numru tal-Awtorizzazzjoni importat ikun validu fis-sistema esterna CDMS, l-Utent se jkun jista’ jagħżel skont id-deċiżjoni, kodiċi li jkun parti min-Numru tal-Awtorizzazzjoni, il-Proċedura Speċjali

rispettiva mill-menu li jinżel.

F'każ li n-Numru tal-Awtorizzazzjoni ma jkunx validu fis-sistema esterna CDMS, għal darb'oħra l-Utent se jkun jista' jagħżel il-Proċedura Speċjali mill-menu li jinżel, iżda f'dan il-każ, l-erba' għażliet kollha se jkunu disponibbli biex jintgħażlu IP IM/EX, IP EX/IM, OP IM/EX u OP EX/IM. (Ara r-ritratt tal-iskrin hawn taħt).




14

### Data tas-Sottomissjoni

Jekk jikklikkja fuq l-input tad-"**Data tas-Sottomissjoni**", l-utent ikun jista' jdaħħal id-data tas-sottomissjoni tat-Talba għal INF. L-utent jista' jew idaħħal id-data jew jagħżilha mill-input tal-kalendarju li jintwera hekk kif l-utent jikklikkja fuq l-input. Dan il-qasam huwa obbligatorju.




15

### Identifikazzjoni tar-Rappreżentant (EORI)

Jekk ikun hemm valur fis-CRS, dan il-qasam jimtela awtomatikament bil-valur xieraq, li jiddependi fuq il-valur li l-utent ikun daħħal fil-qasam ta' input tan-"**Numru tal-Awtorizzazzjoni**".

16

### Isem ir-Rappreżentant

Dan il-qasam jimtela awtomatikament bil-valur xieraq, li jiddependi fuq il-valur li l-utent ikun daħħal fil-qasam tal-input tan-"**Numru tal-Awtorizzazzjoni**". Dan huwa qasam obbligatorju.

17

### Triq u Numru tar-Rappreżentant

Jekk valur ikun jeżisti, dan il-qasam jimtela awtomatikament bil-valur xieraq, li jiddependi fuq il-valur li l-utent ikun daħħal fil-qasam tal-input tan-"**Numru tal-Awtorizzazzjoni**".

18

### Pajjiż tar-Rappreżentant

Jekk jeżisti valur, dan il-qasam jimtela awtomatikament bil-valur xieraq, li jiddependi fuq il-valur li l-utent

ikun daħħal fil-qasam tal-input tan-“**Numru tal-Awtorizzazzjoni**”.

### 19 Kodiċi Postali tar-Rappreżentant

Jekk valur ikun jeżisti, dan il-qasam jimtela awtomatikament bil-valur xieraq, li jiddependi fuq il-valur li l-utent ikun daħħal fil-qasam tal-input tan-“**Numru tal-Awtorizzazzjoni**”.

### 20 Belt tar-Rappreżentant

Jekk valur ikun jeżisti allura, dan il-qasam jimtela awtomatikament bil-valur xieraq, li jiddependi fuq il-valur li l-utent ikun daħħal fil-qasam tal-input tan-“**Numru tal-Awtorizzazzjoni**”.

### 21 Indikazzjoni tal-Esportazzjoni Minn Qabel

F’każ li l-kaxxa ta’ kontroll timtela minn qabel mill-applikazzjoni, il-qasam korrispondenti tal-“Limitu ta’ Żmien” se jkun viżibbli wkoll għall-Utent biex jeditja. F’każ li l-kaxxa ta’ kontroll ma tkunx mimlija minn qabel, tibqa’ vojta u ma tkunx tista’ tiġi editjata. Il-qasam huwa viżibbli u applikabbli biss fil-każ fejn it-Tip ta’ Awtorizzazzjoni huwa IP EX/IM.

### 22 Buttuna tal-Kwantitajiet tal-Merkanzija

Ikklikkja fuq il-buttuna u l-applikazzjoni ttella’ tieqa, li tipprovdi f’format ta’ rapport il-kwantitajiet disponibbli kollha tal-Merkanzija, li jistgħu jintużaw fit-talba.

### 23 Buttuna Biex Ittella’ Fajl CSV

Agħżel il-buttuna ta’ azzjoni sabiex ittella’ fajl csv li jinħażen fl-istazzjon tax-xogħol lokali tiegħek. Il-fajl csv għandu jkun il-mudell tal-merkanzija/prodotti sabiex jiġi aċċettat mis-sistema.

### 24 Buttuna Biex Tniżżel il-Mudell

Agħżel il-buttuna ta’ azzjoni sabiex tniżżel il-mudell ta’ upload multiplu ta’ merkanzija. Il-fajl Excel jiġi ssejvjat fl-istazzjon tax-xogħol lokali tiegħek.

### 25 Buttuna Biex Iżżid il-Merkanzija

Tikklikkja fuq il-buttuna sabiex iżżid Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF. Qabel ma jiżdied l-Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF, l-Utent għandu jdaħħal **Numru tal-Awtorizzazzjoni** validu (inkella, jintwera messaġġ ta’ Żball).
Il-modal tal-Merkanzija tal-INF huwa deskritt fit-taqsima: Żid Oġġett ta’ Merkanzija Kopert Mill-INF

### 26 Issottometti

Meta tikklikkja fuq il-buttuna “**Issottometti**”, tissottometti l-formola tat-Talba għal INF u ttemm din l-azzjoni.

### 27 Niżżel bħala Mudell

Meta tikklikkja fuq il-buttuna “Niżżel bħala Mudell” tiġġenera fajl .xml, li jitniżżel awtomatikament fil-

brawżer tal-utent.
Dan il-fajl .xml fih id-*data* kollha li l-utent daħħal f'din il-forma sa dak il-punt u b'dan il-mod id-*data* tista' tinħażen fil-kompjuter tal-utent għall-użu futur.
Biex taħżen id-*data* fl-applikazzjoni INF STP minflok, ikklikkja fuq il-buttuna "**Issejvja bħala Abbozz**".

### 28 Issejvja bħala Abbozz

Meta tikklikkja fuq il-buttuna "**Issejvja bħala Abbozz**", taħżen id-*data* kollha li l-utent daħħal sa dak il-punt. Id-*data* hija maħżuna fl-applikazzjoni INF STP u hija assoċjata mal-kont ta' kull utent. Biex minflok taħżen id-*data* fil-kompjuter tal-utent, ikklikkja fuq il-buttuna "**Niżżel bħala Mudell**".

### 29 Tella' Mudell tal-Fajl

Meta tikklikkja fuq il-buttuna "**Tella' Mudell tal-Fajl**", l-utent ikun jista' jimla l-formola ta' Talba għal INF bid-*data* li huwa/hija jkun ħażen fil-kompjuter tiegħu/tagħha f'ħin preċedenti. Dik id-*data* maħżuna qabel tista' tiġġenera billi tikklikkja fuq il-buttuna "**Niżżel bħala Mudell**" f'xi punt fil-passat.

### 30 Buttuna Biex Iżżid il-Prodotti

Tikklikkja fuq il-buttuna sabiex iżżid Prodott tal-INF. Qabel ma jiżdied il-Prodott tal-INF, l-utent għandu jdaħħal Numru tal-Awtorizzazzjoni validu (inkella, jingħata messaġġ ta' Żball). Il-mod tal-Prodotti tal-INF huwa deskritt fit-taqsima: Żid Prodott Ipproċessat Kopert Mill-INF.

## 2.1. Żid Oġġett ta’ Merkanzija Kopert mill-INF

Meta tikklikkja fuq il-buttuna **Żid** tal-paġna tal-IU Daħħal it-Talba għal INF, tintwera t-tieqa li ġejja fejn huwa/hija jista’ jdaħħal id-dettalji ta’ Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF:




1

### Merkanzija Ekwivalenti

Buttuna ta' swiċċjar li turi/taħbi s-sezzjoni “Merkanzija Ekwivalenti” tat-tieqa.

2

### Kodiċi tal-Komodità tal-Merkanzija Ekwivalenti

Daħħal il-Kodiċi tal-Komodità Ekwivalenti. Il-qasam jintwera meta l-Indikazzjoni tal-Merkanzija Ekwivalenti tkun attivata (Qasam obbligatorju).

3

### Kwalità Kummerċjali u Karatteristiċi Tekniċi tal-Merkanzija Ekwivalenti

Daħħal id-deskrizzjoni ta’ “Kwalità Kummerċjali u Karatteristiċi Tekniċi” tal-Merkanzija Ekwivalenti. Il-qasam jintwera meta l-Indikazzjoni tal-Merkanzija Ekwivalenti tkun attivata (Qasam obbligatorju).

4

### Identifikazzjoni tal-Merkanzija

Agħżel l-Identifikazzjoni tal-Merkanzija mill-valuri pprovduti tal-Menu li jinżel. Il-Menu li jinżel jintwera meta l-Indikazzjoni tal-Merkanzija Ekwivalenti tkun attivata (Qasam obbligatorju).

5

### Kaxxa tal-ittikkjar tal-Anti-dumping

Immarka/neħħi l-marka mill-qasam biex timmarka jekk l-Oġġett ta’ Merkanzija Ekwivalenti huwiex soġġett

għal Anti-dumping. Il-kaxxa tal-ittikkjar tintwera meta l-Indikazzjoni ta’ Merkanzija Ekwivalenti tkun attivata.

### 6 Kodiċi tal-Komodità

Daħħal il-Kodiċi tal-Komodità tal-Oġġett ta’ Merkanzija (Qasam obbligatorju). L-Applikazzjoni tipprovdi funzjonalità ta' mili awtomatiku (jiġifieri tidher lista li tinżel b’valuri possibbli) waqt li l-utent ikun qed jittajpja (wara l-ewwel ċifra).

### 7 Deskrizzjoni tal-Merkanzija

Daħħal id-Deskrizzjoni tal-Merkanzija (Qasam obbligatorju). L-Applikazzjoni tipprovdi funzjonalità ta' mili awtomatiku (jiġifieri tidher lista li tinżel b’valuri possibbli) waqt li l-utent ikun qed jittajpja (wara t-tielet karattru).

### 8 Kwantità tal-Merkanzija

Daħħal il-Kwantità tal-Merkanzija (valur numeriku - Qasam obbligatorju).

### 9 Valur tal-Merkanzija

Daħħal il-Valur tal-Merkanzija (Valur numeriku - Qasam obbligatorju).

### 10 Dettalji għall-Applikazzjoni tal-Miżuri tal-Politika Kummerċjali

Ipprovdi d-Dettalji għall-Applikazzjoni tal-Miżuri tal-Politika Kummerċjali fil-linji multipli tal-kaxxa tat-test.

### 11 Unità tal-Kejl

Agħżel mill-menu li jinżel l-Unità tal-Kejl tal-Kwantità tal-Merkanzija pprovduta (Qasam obbligatorju).

### 12 Munita

Agħżel il-munita mill-menu li jinżel. L-euro huwa l-valur awtomatiku kif ipprovdut mis-sistema. Valur tal-Merkanzija.

### 13 Ikkanċella

Ikklikkja fuq il-buttuna biex tħassar dak kollu li daħħalt.

### 14 Issejvja

Ikklikkja fuq il-buttuna biex tissejvja l-Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF imdaħħal. L-Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF iddikjarat se jintwera fit-tabella tat-Talba għal INF.

## 2.2. Żid Prodott Ipproċessat Kopert mill-INF

Meta tikklikkja fuq il-buttuna Żid tal-iskrin Daħħal it-Talba għal INF, tidher it-tieqa li ġejja fejn l-Utent jista' joħloq Prodott tal-INF:




**1**

### Kodiċi tal-Komodità

Input biex jiddaħħal valur għall-Kodiċi tal-Komodità tal-Merkanzija (qasam obbligatorju). L-Applikazzjoni tipprovdi funzjonalità ta' mili awtomatiku (jiġifieri tidher lista li tinżel b'valuri possibbli) waqt li l-utent ikun qed jittajpja (wara t-tielet ċifra).

**2**

### Deskrizzjoni tal-Prodotti Proċessati

Input biex jiddaħħal test għad-Deskrizzjoni tal-Merkanzija. Dan il-qasam huwa obbligatorju u l-lingwa awtomatika tiegħu hija l-Ingliż kif previst mill-applikazzjoni.

**3**

### Kwantità tal-Prodotti Proċessati

Daħħal hawnhekk il-valur numeriku għall-Kwantità ta' Prodotti Proċessati. (Qasam obbligatorju).

**4**

### Valur tal-Prodotti Proċessati

Daħħal hawnhekk valur numeriku għall-Valur tal-Oġġett ta' Merkanzija. (Qasam obbligatorju).

**5**

### Dettalji għall-Applikazzjoni tal-Miżuri tal-Politika Kummerċjali

Daħħal hawnhekk id-Dettalji għall-Applikazzjoni tal-Miżuri tal-Politika Kummerċjali. Kaxxa tat-test b'linji multipli b'limitu ta' 512-il karattru.

6

### Unità tal-Kejl

Meta tikklikkja fuq il-menu li jinżel, ittella' lista predefinita ta' valuri li l-utent irid jagħżel minn fosthom.




7

### Munita

Agħżel mill-menu li jinżel il-munita għall-Valur tal-Merkanzija. Il-valur prestabbilit huwa l-euro. (Qasam obbligatorju).

8

### Ikkanċella

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, tneħħi ż-żieda ta' kwalunkwe *data* li ddaħħlet f'din it-tieqa u li ma ġietx issejvjata.

9

### Issejvja

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, tissejvja kwalunkwe *data* li tkun iddaħħlet f'din it-tieqa u dan il-Prodott Ipproċessat eventwalment jiġi inkluż fis-sottomissjoni tat-Talba għal INF. L-Oġġett ta' Merkanzija tal-INF li jkun għadu kemm inħoloq se jintwera fl-iskrin "Daħħal it-Talba għal INF" taħt it-taqsima "**Prodotti Proċessati tal-INF**".

F'każ li t-Tip ta' Awtorizzazzjoni tat-Talba għal INF hija ta' OP EX/IM, il-paġna tal-IU tal-Prodotti Proċessati Koperti mill-INF hija differenti. Il-paġna tal-IU tidher hawn taħt għal dan il-każ:



Hawnhekk, l-utent għandu l-oqsma addizzjonali ta' "Stat Membru tal-Importazzjoni Mill-Ġdid" biex jagħżel minn fosthom. Il-paġna tal-IU hija identika għall-każijiet fejn it-Tip ta' Awtorizzazzjoni huwa IP IM/EX, IP EX/IM u OP IM/EX ħlief għaż-żieda ta' dan il-qasam speċifiku.

Madankollu, l-oqsma li jidhru fl-immaġni tal-IU ta' hawn fuq huma dawn li ġejjin f'din l-ordni:

- Kodiċi tal-Komodità
- Deskrizzjoni tal-Prodotti Ipproċessati [Lingwa tal-qasam tad-deskrizzjoni]
- Stat Membru tal-Importazzjoni mill-Ġdid
- Kwantità tal-Prodotti Proċessati
- Unità tal-Kejl
- Valur tal-Prodotti Proċessati
- Munita

L-Utent għandu d-disponibbiltà ta' żewġ buttuni b'funzjoni: 1) Ħassar, sabiex tħassar dak kollu li daħħalt u 2) Issejvja, sabiex tissejvja dak li għandek imdaħħal attwalment.

## 2.3. Il-Kwantitajiet tal-Merkanzija li Jifdal skont l-Awtorizzazzjoni

Meta l-Utent ikun wasal biex jiddefinixxi l-Merkanzijagħat-Talba għal INF huma jistgħu jagħżlu l-buttuna ta' azzjoni "Kwantitajiet ta' Merkanzija" li tidher fil-paġna Daħħal it-Talba għal INF.

Wara li tikklikkja fuq il-buttuna, l-applikazzjoni ttella' tieqa li turi f'format ta' rapport il-kwantitajiet kollha li jifdal għal kull Kodiċi tal-Komodità għal din l-Awtorizzazzjoni.

It-tieqa li titla' qed tintwera hawn taħt:




| Commodity Code | Remaining Quantity |
|---|---|
| 400280 | 123 Number of items |
| 4002 | 123 Percent |
| 400270 | 123 Number of items |
| 400291 | 110 Kilogram |
| 85423190 | 123 Kilogram |
| 85423211 | 123 Kilogram |
| 8542 | 123 Number |
| 85423111 | 123 Kilogram |
| 85423219 | 123 Kilogram |
| 85423231 | 123 Kilogram |

### 1 Kodiċi tal-Komodità

Il-Kodiċi NM kif jeżisti fl-Awtorizzazzjoni.

### 2 Kwantità li Jifdal

Għal kull Kodiċi tal-Komodità speċifiku l-kwantità li jifdal li titħalla u li tista' tiġi ddikjarata fit-Talba għal INF hija viżibbli hawnhekk flimkien mal-unità tal-kejl tagħha.

### 3 Agħlaq

Agħżel il-buttuna ta’ azzjoni biex tagħlaq it-tieqa li titla’.

## 2.4. Upload Multiplu ta’ Merkanzija

Meta fuq il-paġna Daħħal it-Talba għal INF, l-Utent ikun jista’ jagħżel il-buttuna ta’ azzjoni “Niżżel il-Mudell” mill-Merkanzija Koperta mill-grilja tal-INF.

Mal-għażla, mudell ta’ fajl f’format excel jitniżżel fuq l-istazzjon tax-xogħol tal-Utent. Il-mudell fih ċerti kolonni u folji statiċi li jassistu lill-Utent iwettaq upload multiplu ta’ Merkanzija fit-Talba għal INF.

Il-mudell ta’ fajl f’format excel huwa muri hawn taħt:




**Nota Importanti:** Il-mudell ta’ fajl f’format excel fih erba’ folji differenti. L-ewwel folja fiha informazzjoni importanti dwar kif għandha timtela kif suppost. It-tieni folja fiha l-mudell proprja kif jidher hawn fuq, it-tielet folja fiha l-buttuna ta’ funzjoni li tippermetti l-konverżjoni tal-mudell f’format excel għal fajl CSV li huwa l-format aċċettabbli mill-applikazzjoni biex jittella’ f’applikazzjoni INF-SP. L-aħħar folja, ir-raba’ folja fiha d-*data* ta’ referenza kollha li tintuża mill-mudell u tista’ tiġi injorata mill-Utent.

### 1 Kodiċi tal-Komodità

Daħħal hawnhekk il-kodiċi tal-komodità għal kull oġġett ta’ merkanzija li se jiġi importat fil-formola tat-talba. **Nota:** il-kolonni li huma akkumpanjati mill-ittra < M> jindikaw li jridu jimtlew b’mod obbligatorju.

### 2 Deskrizzjoni tal-Merkanzija

Daħħal hawnhekk id-deskrizzjoni għal kull Oġġett ta’ Merkanzija għal kull ringiela.

### 3 Kwantità tal-Merkanzija

Daħħal il-kwantità fil-kolonna “Kwantità tal-Merkanzija” u agħżel mill-kolonna “Unità tal-Kejl” minn lista ta’ valuri disponibbli.

4

### Valur tal-Merkanzija

Daħħal hawnhekk il-valur għal kull Oġġett ta' Merkanzija ddikjarat.

5

### Dettalji għall-Applikazzjoni ta' Miżuri tal-Politika Kummerċjali

Daħħal hawnhekk kwalunkwe dettall għal kull Oġġett ta' Merkanzija.
**Nota:** il-kolonni li huma akkumpanjati mill-ittra < O> jindikaw li l-mili tagħhom huwa fakultattiv.

6

### Merkanzija Ekwivalenti

Fil-każ ta' Merkanzija Ekwivalenti għal kull Oġġett ta' Merkanzija ddikjarat imla t-tliet kolonni. Il-Merkanzija Ekwivalenti tista' timtela b'mod fakultattiv.

## 2.5. Upload Multiplu ta' Prodotti

Meta fuq il-paġna Daħħal it-Talba għal INF, l-Utent ikun jista' jagħżel il-buttuna ta' azzjoni "Niżżel il-Mudell" mill-grilja tal-Prodotti Proċessati Koperti mill-INF.

Mal-għażla, mudell ta' fajl f'format excel jitniżżel fuq l-istazzjon tax-xogħol tal-Utent. Il-mudell fih ċerti kolonni u folji statiċi li jassistu lill-Utent iwettaq upload multiplu ta' Prodotti fit-Talba għal INF.

Il-mudell ta' fajl f'format excel huwa muri hawn taħt:




**Nota Importanti:** Il-mudell ta' fajl f'format excel fih erba' folji differenti. L-ewwel folja fiha informazzjoni importanti dwar kif għandha timtela kif suppost. It-tieni folja fiha l-mudell attwali kif jidher hawn fuq, it-tielet folja fiha l-buttuna ta' funzjoni li tippermetti l-konverżjoni tal-mudell f'format excel għal fajl CSV li huwa l-format aċċettabbli mill-applikazzjoni biex jittella' f'applikazzjoni INF-SP. L-aħħar folja, ir-raba' folja fiha d-*data* ta' referenza kollha li tintuża mill-mudell u tista' tiġi injorata mill-Utent.

1

### Kodiċi tal-Komodità

Daħħal hawnhekk il-kodiċi tal-komodità għal kull Prodott li se jiġi importat fil-formola tat-talba. **Nota:** il-kolonni li huma akkumpanjati mill-ittra < M> jindikaw li jridu jimtlew b'mod obbligatorju.

### 2 Deskrizzjoni tal-Prodotti Proċessati

Daħħal hawnhekk id-deskrizzjoni għal kull Prodott għal kull ringiela.

### 3 Kwantità tal-Prodotti Proċessati

Daħħal il-kwantità fil-kolonna "Kwantità tal-Merkanzija" u agħżel mill-kolonna "Unità tal-Kejl" minn lista ta' valuri disponibbli.

### 4 Valur tal-Prodotti Proċessati

Daħħal hawnhekk il-valur għal kull Prodott iddikjarat u agħżel mill-kolonna "Munita" minn lista ta' valuri disponibbli.

### 5 Dettalji għall-Applikazzjoni tal-Miżuri tal-Politika Kummerċjali

Daħħal hawnhekk kwalunkwe dettall għal kull Prodott. **Nota:** il-kolonni li huma akkumpanjati mill-ittra < O> jindikaw li l-mili tagħhom huwa fakultattiv.

## 3. Għoti ta' Dettalji għall-Ħolqien tal-INF

Talba għal INF li ma tirnexxix tista' tirriżulta f'"Kompitu" għall-utent, biex jappoġġa t-talba tiegħu/tagħha bl-għoti ta' dettalji.




### 1 Lingwa tal-Formola

Il-lingwa, li tintgħażel għall-formola sħiħa tat-talba.

### 2 Ġustifikazzjoni għan-Nuqqas ta' Għoti ta' Dettalji tal-INF

Wieġeb b'Iva/Le permezz tal-buttuna radju. Il-valur tagħha jindika jekk l-utent għandux l-intenzjoni li jipprovdi d-dettalji mitluba jew le. Fil-każ li l-utent ma jixtieqx jipprovdi d-dettalji mitluba, u għalhekk huwa jikklikkja fuq il-valur "Le" tal-buttuna radju, fuq il-lemin ta' dan l-input jidhru żewġ inputs oħra.

L-utent imbagħad irid jipprovdi ġustifikazzjoni għaliex ma tax id-dettalji u jrid jagħżel il-lingwa li biha jkun inkiteb it-test tal-ġustifikazzjoni. Ara l-istampa hawn taħt:




Ir-ritratt tal-iskrin ta' hawn fuq juri l-oqsma li ġejjin:

- Trid tipprovdi d-dettalji (buttuna radju) fejn l-Utent għandu jagħżel "Iva" jew "Le"
- Test ta' ġustifikazzjoni fejn l-Utent jista' jdaħħal linji multipli ta' test
- Menu li jinżel tal-lingwa biex jagħżel il-lingwa tat-test tal-ġustifikazzjoni

3

### Grupp tad-*Data* tal-Indirizz tad-Detentur

L-oqsma jimtlew b'mod awtomatiku bil-valuri xierqa, li jiddependu fuq il-valur li l-utent ikun daħħal fil-qasam tal-input tan-"Numru tal-Awtorizzazzjoni".

4

### Grupp tad-*Data* tal-Indirizz tar-Rappreżentant

L-oqsma jimtlew b'mod awtomatiku bil-valur xieraq, li jiddependi fuq il-valur li l-utent ikun daħħal fil-qasam tal-input tan-"Numru tal-Awtorizzazzjoni".

5

### Rimarki Ġenerali

Daħħal hawnhekk ir-rimarki ġenerali relatati mal-għoti tad-dettalji.

6

### Kaxxa tal-ittikkjar tal-Artikolu 86(3)

Agħżel il-kaxxa tal-ittikkjar sabiex tikkalkula kwalunkwe dejn doganali abbażi tal-Artikolu 86(3).

7

### Kwantitajiet ta' Merkanzija - Buttuna

Ikklikkja fuq il-buttuna biex tara t-tieqa li titla', li turi f'format ta' rapport il-Kodiċijiet kollha tal-Komodità kif joħorġu mis-sistema esterna CDMS għal din l-Awtorizzazzjoni u l-kwantitajiet tal-Merkanzija li jifdal tagħhom, li jistgħu jiġu ddikjarati fit-Talba għal INF.

8

### Tella' l-Fajl CSV tal-Merkanzija - Buttuna

Ikklikkja fuq il-buttuna u l-applikazzjoni tiftaħ il-file explorer tal-istazzjonijiet tax-xogħol lokali biex jintgħażel il-fajl CSV li jrid jittella' fl-applikazzjoni.

9

### Niżżel il-Mudell tal-Merkanzija

Ikklikkja fuq il-buttuna sabiex tniżżel il-mudell ta' fajl f'format Excel ta' upload multiplu ta' Merkanzija.

10

### Żid (Merkanzija)

Agħżel il-buttuna ta' azzjoni sabiex iżżid Oġġett ta' Merkanzija wieħed fil-kompitu.

### 11 Editja

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, it-tieqa li titla’ ta’ Żid Merkanzija/Prodotti tintwera bid-dettalji kollha għall-Prodott/Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF speċifiku tal-istess ringiela. L-utent se jkun jista’ jeditja kwalunkwe minn dawn id-dettalji u jerġa’ jissejvjahom.

### 12 Ħassar

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna l-entrata tal-Merkanzija tal-INF imdaħħla fl-istess ringiela titħassar mit-Talba għal INF attwali. Meta jikklikkja, l-utent jiġi ppreżentat b’tieqa ta’ konferma, biex jagħżel jekk huwiex ċert dwar it-tħassir ta’ dak l-Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF speċifiku.




Ir-ritratt tal-iskrin ta’ hawn fuq jindika l-messaġġ li ġej: “Ċert li trid tipproċedi?” Hawnhekk, l-Utent għandu l-għażla li jagħżel bejn il-buttuni ta’ azzjoni “Le” jew “Iva”.

### 13 Tella’ Fajl CSV tal-Prodotti - Buttuna

Ikklikkja fuq il-buttuna u l-applikazzjoni tiftaħ il-file explorer tal-istazzjonijiet tax-xogħol lokali biex jintgħażel il-fajl CSV li jrid jittella’ fl-applikazzjoni.

### 14 Niżżel il-Mudell tal-Prodotti

Ikklikkja fuq il-buttuna sabiex tniżżel il-mudell ta’ fajl f’format Excel ta’ upload multiplu tal-Prodotti.

### 15 Żid (Prodotti)

Agħżel il-buttuna ta’ azzjoni sabiex iżżid Prodott wieħed fil-kompitu tad-dettalji.

### 16 Issottometti

Agħżel Issottometti biex tlesti l-kompitu tal-għoti tad-dettalji.

### 17 Niżżel bħala Mudell

Meta tikklikkja fuq il-buttuna “Niżżel bħala Mudell” tiġġenera fajl .xml, li mbagħad jinżel awtomatikament fil-brawżer tal-utent.

Dan il-fajl .xml fih id-*data* kollha li l-utent daħħal f’din il-forma sa dak il-punt u b’dan il-mod id-*data* tista’ tinħażen fil-kompjuter tal-utent għall-użu futur. Biex minflok taħżen id-*data* fl-applikazzjoni INF STP, ikklikkja fuq il-buttuna “Issejvja bħala Abbozz”.

### 18 Issejvja bħala Abbozz

Meta jikklikkja fuq il-buttuna “Issejvja bħala Abbozz”, l-utent jaħżen id-*data* kollha li jkun daħħal sa dak il-punt. Id-*data* hija maħżuna fl-applikazzjoni INF STP u hija assoċjata mal-kont ta’ kull utent. Biex minflok taħżen id-*data* fil-kompjuter tal-utent, ikklikkja fuq il-buttuna “Niżżel bħala Mudell”.

### 19 Ipprintja l-PDF

Agħżel il-buttuna ta’ azzjoni biex tistampa l-paġna attwali f’format PDF.

### 20 Tella’ Mudell tal-Fajl

Meta jikklikkja fuq il-buttuna “Tella’ Mudell tal-Fajl”, l-utent ikun jista’ jimla l-formola ta’ Talba għal INF bid-*data* li huwa/hija jkun ħażen fil-kompjuter tiegħu/tagħha f’ħin preċedenti. Dik id-*data* li qabel kienet maħżuna tista’ tiġi ġġenerata billi tikklikkja fuq il-buttuna “Niżżel bħala Mudell” f’xi punt fil-passat.

### 21 Uffiċċju Doganali tas-Sorveljanza

L-utent jista’ jara l-Uffiċċju Doganali tas-Sorveljanza f’dan il-qasam. Dan huwa qasam Li Jinqara Biss.

## 3.1. Żid Oġġetti ta' Merkanzija Koperti mill-INF

Meta tikklikkja fuq il-buttuna Żid Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF jew il-buttuna Editjar tal-Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF tal-iskrinGħoti ta’ Dettalji għall-Ħolqien tal-INF, tintwera t-tieqa li ġejja, fejn l-Utent jista’ jdaħħal/jimmodifika d-dettalji ta’ Oġġett ta’ Merkanzija tal-INF:




1

### Kodiċi tal-Komodità tal-Merkanzija Ekwivalenti

Qasam li jintuża biex jiddaħħal il-Kodiċi tal-Komodità Ekwivalenti. Il-qasam huwa viżibbli biss meta Indikazzjoni tal-Merkanzija Ekwivalenti tkun immarkata u f’dak il-każ, huwa obbligatorju.

2

### Kwalità Kummerċjali u Karatteristiċi Tekniċi tal-Merkanzija Ekwivalenti

Il-qasam li jintuża biex jiddaħħal test ta’ deskrizzjoni għall-Kwalità Kummerċjali u l-Karatteristiċi Tekniċi. Il-qasam jintwera biss meta Indikazzjoni ta’ Merkanzija Ekwivalenti tkun immarkata u f’dak il-każ dan ikun obbligatorju wkoll.

3

### Indikazzjoni tal-Merkanzija Ekwivalenti

Buttuna ta' swiċċjar li turi/taħbi s-sezzjoni “Merkanzija Ekwivalenti” tat-tieqa.

4

### Identifikazzjoni tal-Merkanzija

Meta l-utent jikklikkja fuq dan l-input, titla’ lista predefinita ta’ valuri li trid issir għażla minn fosthom:




### 5 Input ta' anti-dumping

Dan huwa input veru/falz li l-Utent jista' jissettja jew jitfi billi jikklikkja fuqu.

### 6 Kodiċi tal-Komodità

Input biex jiddaħħal valur għall-Kodiċi tal-Komodità tal-Oġġett(i) ta' Merkanzija (qasam obbligatorju). L-applikazzjoni tipprovdi funzjonalità ta' mili awtomatiku (jiġifieri lista li tinżel b'valuri possibbli) waqt li l-utent ikun qed jittajpja (wara l-ewwel ċifra).

### 7 Deskrizzjoni tal-Merkanzija

Input biex jiddaħħal valur tat-test għad-Deskrizzjoni tal-Merkanzija (qasam obbligatorju).

### 8 Kwantità tal-Merkanzija

Input biex jiddaħħal valur numeriku għall-Kwantità tal-Merkanzija. (Qasam obbligatorju).

### 9 Valur tal-Merkanzija

Input biex jiddaħħal valur numeriku għall-Valur tal-Merkanzija, li huwa obbligatorju. L-euro huwa l-valur prestabbilit kif ipprovdut mill-applikazzjoni.

### 10 Unità tal-Kejl

Meta l-utent jikklikkja fuq dan l-input, titla' lista predefinita ta' valuri li trid issir għażla minn fosthom.

### 11 Munita

Qasam li jinqara biss li juri l-Munita, u l-valur prestabbilit tiegħu huwa l-euro.

### 12 Dettalji għall-Applikazzjoni tal-Miżuri tal-Politika Kummerċjali

Daħħal hawnhekk kwalunkwe dettall addizzjonali għall-Oġġett ta' Merkanzija speċifiku.

## 3.2. Żid Prodott Ipproċessat Kopert mill-INF

Meta tiġi kklikkjata l-buttuna Żid Prodott tal-INF jew il-buttuna Editjar tal-Prodott tal-INF tal-iskrin Għoti ta' Dettalji għall-Ħolqien tal-INF tidher it-tieqa li ġejja, li minnha l-utent jista' joħloq/jimmodifika Prodott tal-INF:




### 1 Kodiċi tal-Komodità

Input biex jiddaħħal valur għall-Kodiċi tal-Komodità tal-Merkanzija (qasam obbligatorju). L-applikazzjoni tipprovdi funzjonalità ta' mili awtomatiku (lista li tinżel b'valuri possibbli) filwaqt li l-utent ikun qed jittajpja (wara l-ewwel ċifra).

### 2 Deskrizzjoni tal-Prodotti Proċessati

Input biex jiddaħħal test għad-Deskrizzjoni tal-Merkanzija. Dan il-qasam huwa obbligatorju.

### 3 Kwantità tal-Prodotti Proċessati

Hawnhekk iddefinixxi l-valur numeriku għall-Kwantità tal-Prodotti Proċessati. (Qasam obbligatorju).

### 4 Valur tal-Prodotti Proċessati

Hawnhekk iddefinixxi l-valur numeriku għall-Valur tal-Merkanzija. (Qasam obbligatorju). Innota hawnhekk li l-munita prestabbilita hija l-euro.

### 5 Dettalji għall-Applikazzjoni tal-Miżuri tal-Politika Kummerċjali

Daħħal hawnhekk kwalunkwe dettall addizzjonali għall-Prodott speċifiku.

### 6 Unità tal-Kejl

Meta l-utent jikklikkja fuq dan l-input, titla' lista predefinita ta' valuri li trid issir għażla minn fosthom.

7

### Munita

Qasam li jinqara biss li juri l-Munita, u l-valur prestabbilit tiegħu huwa l-euro.

8

### Ikkanċella

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, tneħħi ż-żieda ta' kwalunkwe *data* li ddaħħlet f'din it-tieqa u li ma ġietx issejvjata.

9

### Issejvja

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, tista' tissejvja kwalunkwe *data* li tiddaħħal f'din it-tieqa u dan Il-Prodott Ipproċessat eventwalment jiġi inkluż fis-sottomissjoni inizjali. Il-Prodott Ipproċessat tal-INF li għadu kemm inħoloq jintwera fl-iskrin "Għoti ta' Dettalji għall-Ħolqien tal-INF" taħt it-taqsima "Merkanzija tal-INF".

## 4. Għoti ta' Dettalji għat-Talba għal INF

L-għoti ta' Dettalji għat-Talba għal INF qed tiġi murija hawn taħt:




### 1 Lingwa tal-Formola

Agħżel il-lingwa tal-formola tal-kompitu tad-dettalji.

### 2 Issottometti

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, jiġu sottomessi d-dettalji li jkunu mogħtija.

### 3 Issejvja bħala Abbozz

Meta jikklikkja fuq il-buttuna "Issejvja bħala Abbozz", l-utent jaħżen id-*data* kollha li jkun daħħal sa dak il-punt. Id-*data* hija maħżuna fl-applikazzjoni INF STP u hija assoċjata mal-kont ta' kull utent.

### 4 Tella' Mudell tal-Fajl

Meta jikklikkja fuq il-buttuna "Tella' Mudell tal-Fajl", l-utent ikun jista' jimla l-formola ta' Talba għal INF bid-*data* li huwa/hija jkun ħażen fil-kompjuter tiegħu/tagħha f'ħin preċedenti. Dik id-*data* li qabel kienet maħżuna ġiet iġġenerata billi tikklikkja fuq il-buttuna "Niżżel il-Fajl bħala Mudell" f'xi punt fil-passat.

**5**

### Niżżel bħala Mudell

Meta tikklikkja fuq il-buttuna "Niżżel il-Fajl bħala Mudell", tiġġenera fajl .xml li mbagħad jitniżżel awtomatikament fil-brawżer tal-utent. Dan il-fajl .xml, fih id-*data* kollha li l-utent daħħal f'din il-formola sa dak il-punt u b'dan il-mod id-*data* tista' tinħażen fil-kompjuter tal-utent biex tintuża fil-futur. Biex minflok taħżen id-*data* fl-applikazzjoni INF STP, ikklikkja fuq il-buttuna "Issejvja bħala Abbozz".

**6**

### Ipprintja l-PDF

Agħżel il-buttuna biex tipprintja l-paġna attwali f'format PDF.

**7**

### *Data* tal-INF

Din hija l-informazzjoni ċentrali kollha kif reġistrata fit-Talba għal INF inizjali. (Oqsma li jinqraw biss).

**8**

### Identifikazzjoni tad-Detentur (EORI)

Din hija l-Informazzjoni (dettalji) kollha dwar id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni f'format li jinqara biss.

**9**

### Identifikazzjoni tar-Rappreżentant (EORI)

Din hija l-Informazzjoni (dettalji) kollha dwar ir-Rappreżentant f'format li jinqara biss.

**10**

### Rimarki Ġenerali

Jekk xi rimarki ġenerali kienu miktuba matul It-Talba għall-Ħolqien tal-INF, dawn ikunu viżibbli hawnhekk f'format li jinqara biss.

**11**

### Oġġett ta' Merkanzija jew Prodotti Proċessati li Għalihom Intalbet l-INF

Meta tikklikkja fuq dan l-input, tintwera lista li tinżel u l-utent huwa mistenni li jagħżel wieħed mill-valuri offruti.




Skont il-valur magħżul, it-tabella ta' hawn taħt tinbidel biex turi entrati li jaqblu mal-valur magħżul mill-utent. Pereżempju, jekk l-utent jagħżel il-valur "Merkanzija", it-tabella ta' hawn taħt turi ringieli ta' "Merkanzija".

**12**

### Ara l-Oġġett ta' Merkanzija jew il-Prodotti Proċessati li Għalihom Tintalab l-INF

Meta tikklikkja fuq l-ikona tal-għajn, tintwera tieqa li turi d-dettalji tal-entrata tal-oġġett ta' merkanzija/prodott speċifiku fit-tabella. Eż. ta' tieqa biex tara:




L-immaġni tal-IU ta' hawn fuq fiha l-oqsma li ġejjin f'din l-ordni:

- Numru ta' Referenza tad-Dikjarazzjoni Doganali (MRN)
- Kodiċi tal-Komodità
- Deskrizzjoni tal-Merkanzija (il-lingwa kif intirtet mill-formola tat-talba)
- Kwantità tal-Merkanzija
- Valur tal-Merkanzija
- Unità tal-Kejl
- Munita
- Dettalji għall-Applikazzjoni tal-Miżuri tal-Politika Kummerċjali (lingwa kif intirtet mill-formola tat-talba)

13

### Żid Merkanzija taħt IP

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, titla' tieqa bit-titlu "Żid Oġġetti ta' Merkanzija Mhux tal-Unjoni taħt IP". Din it-tieqa tista' tintuża biex tipprovdi u tissottometti d-dettalji għat-Talba għal INF.

## 4.1. Żid Merkanzija Taħt IP

L-utent jista’ jilħaq “Żid Oġġetti ta’ Merkanzija Mhux tal-Unjoni taħt IP”, billi jikklikkja fuq il-buttuna “Żid” tal-iskrin [Għoti ta’ dettalji għat-Talba għal INF](#).




### 1 Numru ta’ Referenza tad-Dikjarazzjoni Doganali

F’dan l-input, l-utent jista’ jdaħħal il-valur għall-MRN. Dan il-qasam huwa obbligatorju.

### 2 Kodiċi tal-Komodità

Input biex jiddaħħal valur għall-Kodiċi tal-Komodità tal-Merkanzija (qasam obbligatorju).

### 3 Deskrizzjoni tal-Merkanzija

Input biex jiddaħħal valur tat-test għad-Deskrizzjoni tal-Merkanzija (qasam obbligatorju).

### 4 Kwantità tal-Merkanzija

Input biex jiddaħħal valur numeriku għall-Kwantità tal-Merkanzija. Dan il-qasam huwa obbligatorju.

### 5 Valur tal-Merkanzija

Input biex jiddaħħal valur numeriku għall-Valur tal-Merkanzija f’euro. Dan il-qasam huwa obbligatorju.

### 6 Unità tal-Kejl

Meta l-utent jikklikkja fuq dan l-input, titla’ lista predefinita ta’ valuri li trid issir għażla minn fosthom.

### 7 Munita

Agħżel munita mil-lista tal-valuri pprovduti. L-euro huwa l-valur prestabbilit kif ipprovdut mill-applikazzjoni.

8

### Ikkanċella

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, tneħħi ż-żieda ta' kwalunkwe *data* li ddaħħlet f'din it-tieqa u li ma ġietx issejvjata.

9

### Issejvja

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, tissejvja kwalunkwe *data* li tkun iddaħħlet f'din it-tieqa u dan l-Oġġett ta' Merkanzija eventwalment jiġi inkluż fid-Dettalji għas-sottomissjoni tat-Talba għal INF. L-Oġġett ta' Merkanzija tal-INF li għadu kemm inħoloq jintwera fl-iskrin Għoti ta' dettalji għat-Talba għal-INF, fit-tabella "Merkanzija Mhux tal-Unjoni":

## 5. Talba għal informazzjoni tal-INF

Meta jikklikkja fuq il-link tal-menu "Talba għall-Għoti tal-Informazzjoni tal-INF" l-utent jiġi ridirezzjonat lejn l-iskrin li jmiss. L-utent jista' mbagħad jipprovdi Numru tal-INF validu u jitlob biex jara l-Informazzjoni rilevanti tal-INF.




### Input tan-Numru tal-INF




Dan huwa input ta' test li jintuża biex jiddaħħal "Numru tal-INF". Dan il-qasam huwa obbligatorju.

### Il-buttuna Issottometti




Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, tissottometti n-numru tal-INF li jkun iddaħħal qabel fl-"Input tan-Numru tal-INF".

- Jekk il-valur tal-input tan-Numru tal-INF ikun validu, l-utent jiġi ridirezzjonat lejn l-iskrin tal-Informazzjoni tal-INF fejn ikun jista' jara d-dettalji ta' INF speċifika għal dak in-Numru tal-INF partikolari.
- Jekk l-input tal-valur tan-Numru tal-INF ma jkunx validu, jintwera żball:



## 5.1Dettalji tal-Informazzjoni tal-INF - *Data* tal-INF

Fuq l-iskrin ta' hawn taħt, l-Utent jista' jara d-dettalji tat-talba għall-Informazzjoni tal-INF, li jkun talab qabel billi ssottometta "Numru tal-INF" xieraq fl-iskrin ta' "Talba għal Informazzjoni tal-INF". L-iskrin huwa magħmul minn żewġ skrins sekondarji, li jistgħu jiġu aċċessati billi tikklikkja fuq it-tab ta' kull skrin. Fl-immaġni ta' taħt it-tab, tintwera "**Data tal-INF**".


Close
1
Print PDF
2
Download as Template
3
INF Information Request - IP EX/IM012BEIPOV1Tyyysqdqs
Available
Close
Print PDF
Download as Template
INF Data
Status Data
INF Data 6
INF Data
Authorization Number
BEIPOV1Tyyysqdqs
Authorization Type
IP EX/IM
Supervising Customs Office
AT100000
Submission Date
01/11/2018
Holder Identification (EORI) 7
8 Representative Identification (EORI)
Holder Identification (EORI)
Representative Identification (EORI)
EORI
BE05142012001
Name
Trader Fullname
Street And Number
Rue Street, A1 MARS
Country
BE
Postcode
10
City
Eurocity12
General Remarks 9
General Remarks
sdf
Article 86(3) Indication 10
If a customs debt is incurred the amount of import duty shall be calculated in accordance with Article 86(3) of the Code
11 Prior Exportation Indication
Prior Exportation Indication
Time Limit
Goods Covered by the INF 12
Goods Covered by the INF 1
Use Equivalent Goods?
CN Code Equivalent Goods
Commercial Quality and Technical Characteri... of Equivalent Goods
Suspension of Concession
Identificat... of Goods Code
CN Code Type of Goods
CN description of Goods Code
Quantity of Goods
Value of Goods
Particulars for Commercial Policy Measures
Action
39012010
Commercial Quality and Technical Characteri... of Equivalent Goods
6
40029100
Goods Description
10 KGM
222 EUR
sdf
4 View Goods Button
Processed Products Covered by the INF 13
Processed Products Covered by the INF 1
CN Code Processed Products
Description of Processed Products
Quantity of Processed Products
Value of Processed Processed Products
Particulars for Commercial Policy Measures
Action
40029100
Goods Description 40029100
10 KGM
123 EUR
sdf
5 View Products Button
Non Union Item Goods Placed Under IP 14
Non Union Item Goods Placed Under IP 1
MRN
CN Code Type of Goods
CN Code Description
Quantity of Goods
Value of Goods
Action
355262523423423423
40029100
Goods Description
1 KGM
222 EUR
Processed Products Subject To Prior Exportation 15
Processed Products Subject To Prior Exportation 1
MRN
CN Code Type of Goods
Description of Processed Products
Quantity of Processed Products
Value of Processed Products
Action
425566625234234234
40029100
Goods Description 40029100
1 KGM
123 EUR
Item Goods Which Can Be Placed Under IP 16
Item Goods Which Can Be Placed Under IP 1
MRN
CN Code Type of Goods
CN Code Description
Quantity of Goods
Value of Goods
Action
40029100
Goods Description
1 KGM
222 EUR
Close
Print PDF
Download as Template

1

### Agħlaq

Meta jikklikkja fuq din il-buttuna, l-utent jittieħed lura għall-iskrin "Talba għal Informazzjoni tal-INF".

2

### Ipprintja l-PDF

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, titla' tieqa għall-preparazzjoni biex l-utent jikkonfigura kif din il-paġna se tiġi stampata fuq il-karta.

3

### Niżżel bħala Mudell

Meta wieħed jikklikkja fuq il-buttuna "Niżżel bħala Mudell" jiġi ġġenerat fajl .xml, li mbagħad jinżel awtomatikament fil-brawżer tal-utent. Dan il-fajl .xml fih id-*data* kollha li l-utent daħħal f'din il-forma sa dak il-punt u b'dan il-mod id-*data* tista' tinħażen fil-kompjuter tal-utent għall-użu futur.

4

### Buttuna Biex Tara l-Merkanzija

Meta tikklikkja fuq l-ikona tal-għajn, tidher tieqa li turi d-dettalji ta' dik l-entrata tal-Merkanzija fit-tabella.

Eżempju ta' tieqa bid-dettalji tal-Merkanzija:




L-immaġni tal-IU ta' hawn fuq fiha l-oqsma li ġejjin f'din l-ordni:

- Merkanzija Ekwivalenti
  - Kodiċi NM tal-Merkanzija Ekwivalenti
  - Kwalità Kummerċjali u Karatteristiċi Tekniċi tal-Merkanzija Ekwivalenti
  - Identifikazzjoni tal-Kodiċi tal-Merkanzija

  - Sospensjoni tal-Konċessjoni
- Kodiċi NM Tip ta' Merkanzija
- Deskrizzjoni tal-merkanzija (Lingwa tat-test tad-deskrizzjoni)
- Kwantità tal-Merkanzija
- Kejl
- Valur tal-Merkanzija
- Munita
- Dettalji għall-Miżuri tal-Politika Kummerċjali

L-Utent ikun jista' jagħlaq il-messaġġ fit-tieqa li titla' billi jagħżel il-buttuna "OK" fil-parti tal-lemin t'isfel tat-tieqa.

## 5 Buttuna Biex Tara l-Prodotti

Meta tikklikkja fuq l-ikona tal-għajn, tintwera tieqa li turi d-dettalji ta' dik l-entrata tal-Prodotti fit-tabella.

Eżempju tat-tieqa tad-dettalji tal-Prodotti:




L-immaġni tal-IU ta' hawn fuq fiha l-oqsma li ġejjin f'din l-ordni:

- Kodiċi NM Prodotti Proċessati
- Deskrizzjoni tal-Prodotti Proċessati
- Kwantità tal-Prodotti Proċessati
- Valur tal-Prodotti Proċessati
- Kejl
- Jekk jiġi mġarrab dejn doganali, l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi
- Dettalji għall-Miżuri tal-Politika Kummerċjali
- Munita

L-Utent ikun jista' jagħlaq il-messaġġ fit-tieqa li titla' billi jagħżel il-buttuna "OK" fil-parti tal-lemin t'isfel tat-tieqa.

6

### *Data* tal-INF

Hawnhekk, l-Utent jista' jara l-informazzjoni ċentrali kollha tal-INF.

7

### Identifikazzjoni tad-Detentur (EORI)

Hawnhekk, l-Utent jista' jara l-informazzjoni kollha tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni. Eż. Isem, Pajjiż, Belt, eċċ.

8

### Identifikazzjoni tar-Rappreżentant (EORI)

Hawnhekk, l-Utent jista' jara l-informazzjoni kollha tar-Rappreżentant tal-Awtorizzazzjoni. Eż. Numru EORI, Isem, eċċ.

9

### Rimarki Ġenerali

F'każ li jkunu ġew ipprovduti xi rimarki relatati mal-INF dawn ikunu viżibbli f'din it-taqsima.

10

### Indikazzjoni tal-Artikolu 86(3)

F'każ li l-INF tkun soġġetta għal dejn doganali abbażi tal-Artikolu 86(3), il-kaxxa tal-ittikkjar rispettiva tkun viżibbli f'din it-taqsima.

11

### Indikazzjoni tal-Esportazzjoni Minn Qabel

F'każ li l-INF tkun tat-Tip ta' Awtorizzazzjoni IP EX/IM, il-kaxxa tal-ittikkjar li ġejja se tkun immarkata u se jkun ġie ddefinit Limitu ta' Żmien minn min jagħmel it-talba.

12

### Merkanzija Koperta mill-INF

Taħt din it-taqsima se tkun viżibbli l-Merkanzija kollha li tiġi ddikjarata fl-INF.

13

### Prodotti Proċessati Koperti mill-INF

Taħt din it-taqsima se jkunu viżibbli l-Prodotti kollha li huma ddikjarati fl-INF.

14

### Oġġetti ta' Merkanzija Mhux Tal-Unjoni Mqiegħda Taħt IP

Taħt din it-taqsima se tkun viżibbli l-Merkanzija Kollha Mhux tal-Unjoni li hija ddikjarata fl-INF.

15

### Prodotti Proċessati Soġġetti Għal Esportazzjoni Minn Qabel

Taħt din it-taqsima se jkunu viżibbli l-Prodotti kollha Soġġetti għal esportazzjoni minn qabel li huma ddikjarati fl-INF.

16 **Oġġetti ta' Merkanzija Li Jistgħu Jitqiegħdu Taħt IP**

Taħt din it-taqsima se tkun viżibbli l-Merkanzija kollha li tqiegħdet taħt IP.

## 5.2. Dettalji tal-Informazzjoni tal-INF - *Data* Dwar l-Istatus

Fuq dan l-iskrin l-Utent jista' jara d-dettalji ta' talba għall-Informazzjoni tal-INF, li jkun talab qabel billi ssottometta "Numru tal-INF" xieraq fl-iskrin "Talba għal Informazzjoni tal-INF". Dan l-iskrin huwa magħmul minn żewġ skrins sekondarji li jiġu aċċessati billi tikklikkja fuq it-tab ta' kull skrin.

Fl-immaġni taħt it-tab, tintwera d-"***Data* Dwar l-Istatus**".



1

### Agħlaq

Meta jikklikkja fuq din il-buttuna, l-utent jittieħed lura għall-iskrin "Talba għal Informazzjoni tal-INF".

2

### Ipprintja l-PDF

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna titla' tieqa ta' preparazzjoni biex l-utent jikkonfigura kif din il-paġna se tiġi stampata fuq il-karta.

3

### Niżżel bħala Mudell

Meta wieħed jikklikkja fuq il-buttuna "Niżżel bħala Mudell" jiġi ġġenerat fajl .xml, li mbagħad jinżel awtomatikament fil-brawżer tal-utent. Dan il-fajl .xml fih id-*data* kollha li l-utent daħħal f'din il-forma sa dak il-punt u b'dan il-mod id-*data* tista' tinħażen fil-kompjuter tal-utent għal użu futur.

*Tmiem tad-dokument*